**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. MONICA VELLA LL.D., M.Jur**

**Avviz Nru. 304/2015MV**

**L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**vs**

**John Bonnett**

**Illum 2 ta' Marzu, 2016**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li jghid hekk;

> Illi l-Awtorita' rikorrenti ntavolat talba quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar kontra l-intimat, liema talba giet deciza kontra l-intimat nhar il-25 ta' Mejju 2010, u dan skond kopja tal-istess sentenza mmarkata Dokument A hawn annessa.

Illi ghalkemm saru diversi tentattivi mill-Awtorita’ rikorrenti sabiex l-intimat ihallas s-somma ta’ elfejn, mitejn u disgha u sebghin Euro u wiehed u disghin centezmu (€2,279.91), flimkien mal-ispejjez u l-imghaxijiet legali, sallum dawn ghadhom ma gewx imhallsa.

Illi ghaldaqstant billi ghadda aktar miz-zmien prefiss fl-artikolu 258 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta minn meta t-talba quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar fuq imsemmija gie rez ezegwibbli, qed jigi intavolat ir-rikors odjern ai termini ta’ dan l-artikolu, sabiex l-Awtorita’ rikorrenti tkun tista’ tesegwixxi t-titolu ezekuttiv li ghandha kontra l-intimat.

Ghaldaqstant l-Awtorita’ rikorrenti bir-rispett titlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tesegwixxi s-sentenza moghtija nhar il-25 ta’ Mejju 2010 fl-ismijiet ‘L-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar vs John Bonnett’ (talba numru 872/2009RFA), salv kull provvediment iehor li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna.

Rat illi l-intimat John Bonnett debitament notifikat fl-14 ta’ Dicembru 2015, skond ir-riferta fuq in-naha ta’ wara ta’ fol. 11 tal-process, ma pprezenta l-ebda risposta ghat-talbiet attrici.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat illi fis-seduta tat-13 ta’ Jannar 2016 deher l-intimat assistit mill-Avukat Victor Bugeja.

Semghet ix-xhieda tal-Prokuratur Legali Joseph Catania ghan-nom tal-Awtorita dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li kkonferma li l-bilanc ghadu dovut lir-rikorrenti.

Sema' lill-Avukat Victor Bugeja ghall-intimat jirrimetti ruhu.

Rat u qieset l-atti kollha tal-kawza.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidrat:

Illi l-intimat irrimetta ruhu ghall-atti processwali u ghalhekk qieghed jammetti t-talbiet attrici.

Illi pero, dawn il-proceduri saru necessarji biss minhabba illi r-rikorrenti ma agixxitx fiz-zmien koncess mil-ligi ghall-esekuzzjoni tas-sentenza illi akkwistat kontra l-intimat, u li setghu jigu facilment evitati li kieku r-rikorrenti agixxiet entro t-terminu li tikkoncedi l-ligi ghall-esekuzzjoni ta' tali sentenza li fil-kaz in ezami huwa ta' hames snin.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez a karigu ta' l-istess rikorrenti.

**(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur